

# Carlo Diacono – 135 sena mit-twelid tiegħu



kitba ta' Daniel Vella

*Preżentatur Programm Marċifest Radju Malta*

Carlo Diacono twieled iż-Żejtun nhar l-1 ta' April 1876. Sa minn ċkunitu wera ġibda kbira lejn l-arti mużikali u taħt it-tregija ta' missieru, Orazio, beda l-istudju mużikali tiegħu. Wisq probabbli li f'dak iż-żmien ħa wkoll xi tagħlim mingħand is-surmast u l-kompositur Naplitan Michelino Deferraris, il kien midħla sewwa tal-familja Diacono. Ta' għaxar snin ħareġ idoqq il-kwartin mal-Banda Beland fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u wara ftit ikkompona innu ad unur Santa Katerina.



Fis-sena 1892 beda l-istudju tiegħu għand il-magħruf Prof. Paolino Vassallo li kien għadu kif irritorna minn Pariġi u fetaħ skola tal-mużika ġewwa l-Belt Valletta. Taħt Vassallo Carlo tgħallem nistgħu ngħidu f'daqqa, kif kien stqarr l-istess Vassallo. Fl-1 ta' April 1897 huwa ġie maħtur surmast direttur tal-Banda Beland, liema kariga baqa' jżomm sas-sena 1903 meta minħabba l-istudju kellu jħalli l-Banda Beland u għalhekk il-Kumitat kien ħatru surmast onorarju għal għomru, ħatra li baqa' jgħożż sa mewtu. Aktar tard insibu li għamel xi snin bħala surmast direttur tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.

Meta fit-22 ta' Novembru 1903 il-Papa San Piju X xandar il-famuż *Motu Proprio*, Mro Diacono beda jikkomponi fuq il-perametri tiegħu. Kien hawn li l-fama ta' Diacono xterdet mhux biss ma' Malta kollha iżda ukoll barra minn xtutna. Nistgħu ngħidu bla taqliq li Diacono kien wieħed mill-aqwa esponenti, jekk mhux l-aqwa, tal-*Motu Proprio* f'pajjiżna. Kien biss ftit xhur wara, f'April 1904 li Diacono esegwixxa disa' responsorji tal-Ġimgħa

l-Kbira ġewwa l-knisja arċipretali taż-Żejtun, waqt il-prietka tat-tliet sigħat.

B'diġriet tal-Kurja tat-18 ta' Diċembru 1899 huwa nħatar organista tal-knisja arċipretali ta' raħal twelidu.

Fl-1918 l-opra tiegħu *L'Alpino* ttellgħet għal 9 darbiet bejn 16 ta' April u 2 ta' Mejju, waħda mill-opri ta' kompożituri Maltin l-aktar li ttellgħu fl-ewwel staġun tagħhom. F'Novembru 1919 huwa kkompona l-innu immortali 'A Santa Katerina – Del Sagri Ministri' għall-Banda Beland li ġie esegwit għall-ewwel darba mill-istess Banda fil-festi ċentinarji tal-parroċċa f'Novembru 1920 fil-preżenza tal-istess kompożitur.

Fi 9 ta' Frar 1923 l-Arċisqof Dom Mauro Caruana ħatru *maestro di cappella* tal-Kattidral wara l-mewt tal-Prof. Vassallo u mingħajr ma resaq għall-konkors. Il-mużika tiegħu ġiet esegwita fil-British Empire Exhibition ġewwa Wembley fl-1924 fejn ġiet ikklassifikata fit-tielet post u mogħtija midalja u ċertifikat. Fis-sena 1938 ġiet esegwita wkoll fil-Bażilika ta' Massenzju ġewwa Ruma, fl-1942 ġewwa l-Kajr fl-Eġittu, u fl-1957 ġewwa New York fl-Istati Uniti. Fl-okkażjoni tal-ġublew tal-fidda tar-Re Ġorġ V fl-1935, huwa dderieġa 37 banda f'daqqa fil-*Main Guard* quddiem il-Palazz.

Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu żewġ opri – *L'Alpino* u *Villa Azzurra* (li mhix komluta) – tliet oratorji – *Cantico di Frate Sole*, *Transitu Divini Antoni* u *San Paolo evangelizza i maltesi* – bosta kantati, preludji għall-orkestra, *overtures*, għadd kbir ta' quddies solenni u tal-mejtin, salmi, antifoni għal diversi festi, romanzi, innijiet kemm sagri kif ukoll profani, kif ukoll għadd ta' marċi, l-aktar funebri.

Il-ġenju mużikali tiegħu ġie magħruf u mfaħħar minn bosta kompożituri barranin fosthom Felice Lattuada, Lorenzo Perosi,Licino Refice, Ildebrando Pizzetti u Ottorino Respighi. Il-kbir kompożitur Mascagni meta ġie muri xi kompożizzjonijiet ta' Carlo stqarr illi "*Questo uomo non sa quanto sa*" (Dan il-bniedem ma jafx hu stess kemm jaf.)

Il-mużika tiegħu għadha tiġi esegwita fil-festi ta' diversi parroċċi, kemm f'Malta kif ukoll ġewwa Għawdex. Carlo Diacono miet fil-15 ta' Ġunju 1942 ġewwa Ħal Lija fejn mar refuġjat minħabba l-gwerra u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku ż-Żejtun skont ix-xewqa tiegħu stess.

Dawn huma fost diversi antifoni li kiteb Mro Carlo Diacono:

*Joseph fili David* – Festa San Ġuzepp, ir-Rabat (1919)
*Sancte Paule Apostole* – Festa San Pawl, ir-Rabat (1929)
*Beata Mater* – Festa Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk (1937)
*Surgite* – Festa Salvatur, Ħal Lija (1935)
*Hodie egressa est Virgo* – Festa Kunċizzjoni, Bormla (1923)